**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-28 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru : 123/2019/4 JPG**
**Kawza Numru : 15**

**SM**
**Vs**
**BM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BM, datat 2 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li wara dak ddikjara dak premess huwa talab lil din il-Qorti:

> *"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-onorabbli Qorti, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12, taghti lill-esponenti permess specjali sabiex huwa jappella mid-digriet tat-22 ta' Settembru 2020."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SM, datata 17 ta' Novembru 2020, a fol 9 et seqq, li wara dak premess hija talbet lil din il-Qorti:

> *"Illi ghalhekk it-talba kif kontenuta fir-rikors promotur ma hijiex legalment permessibbli u hija l-umli fehma ta' l-esponenti li ghandha tigi michuda."*

Rat ir-rikors ta' SM datat 9 ta' Dicembru 2020, fejn wara li ddikjarat dak premess, hija tablet lil din il-Qorti:

> *"Ghaldaqstant l-esponenti, in vista tas-suespost, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ukoll sabiex r-retta amministrazzjoni ma tigix pregudikata u mfixkla, tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tibrunali Civili sabiex immedjatament, jistiwixxi proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra l-intimat. Dana sabiex a tenur ta' artikolu 997 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta htija l-inimat jigi kkundannat ghal prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux iktar minn elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew ghall-multa u l-prigunerija flimkien. Dana taht kull provvediment li joghgboha taghti din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa digriet wara rikors maghmul mill-intimat sabiex jigi awtorizzat jinterponi appell mid-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Settembru 2020, ai termini tal-artikolu 229 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attrici fir-risposta taghha datata 17 ta' Novembru 2020 oggezzjonat ghal din it-talba u dana stante illi t-talba kif kontenuta, ma hijiex legalment tenibbli.

Fis-sentenza ***Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Gunju, 1988 gie ritenut:

> ***Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta' Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell,ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-***

> ***kontroparti fil-Qorti li tkun emanat iddigriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell."***

Ulterjorment, fuq din it-tielet kategorija gie rilevat ukoll:

> ***Barra minn dawn id-digrieti (kamerali, interlokutorji u digrieti jew ahjar sentenzi definittivi), jezistu (kif inghad) digrieti ohrajn li la huma interlokutorji u lanqas definitivi u li l-legislatur ma pprovda xejn dwar kif ghandhom jigu impunjati. Pero', skond il-prattika inveterata tat-Tribunali taghna, l-impunjazzjoni ta' dawn it-tipi ta' digrieti ssir permezz Rikors numru 2259/00 6 ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, quddiem l-istess Qorti li tkun emanat id-digriet. Meta eventwalment dik il-kawza tigi deciza, issentenza tkun tista' tigi appellata b'appell ordinarju quddiem il-Qorti ta' l-Appell. (Professur John Mamo noe vs Edward Borg proprio et nomine deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Ottubru, 1991)***

Illi l-artikolu 229 tal-Kap 12 jistipula f'sub artikolu 1 liema digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel tinghata s-sentenza definittiva: [1]

It-tieni subartikolu jindika id-digrieti li ghandhom jinqaraw bil-miftuh fil-Qorti. [2]

---

[1]

*(a) digriet dwar l-akkoljiment ta' talba għall-urġenza;*
*(b) dwar kull ordni jew direttiva skont il-provvedimentital-artikolu 173;*
*(ċ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollijatal-kawża għal data oħra skont l-artikolu 195(3);*
*(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skont l-artikolu 567;*
*(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isirumistoqsijiet lil xhud skont l-artikolu 587;*
*(f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebudokumenti skont l-artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikundwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument lijkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4);*
*(g)dwar il-ħatra ta' perit skont l-artikolu 646;*
*(h)digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skont l-artikolu793(1);*
*(i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' digriet;*
*(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta'dokument mill-atti ta' kawża;*
*(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revokajew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu;*
*(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjonispeċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5);*
*(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.*

[2] *(a) digriet li jiċħad il-ħatra ta' periti addizzjonali skont l-artikolu 674;*

Illi l-Artikolu 229 tal-Kap 12 jistipula fis-sub Artikolu 3 is-segwenti:

> ***(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet,tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.***

***ommissis***

> ***(10) Meta digriet interlokutorju jkun ingħata in camera, dan għandu għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u għall-għanijiet tal-kalkolu ta' kull żmien li jkun hemm fih stabbilit, jitqies bħala li jkun inqara bil-miftuħ fil-qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il- kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet mill-qorti in camera.***

Il-gurisprudenza dwar l-Artikolu 229 Kap 12 hija fis-sens:

> ***Illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu landament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel***

***(b) digriet dwar it-trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minnqorti oħra skont l-artikolu 792;***

***(ċ) digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawżaskont l-artikolu 961;***

***(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza;***

***(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;***

***f) digriet li jordna li jinġieb dokument li jkun dokumentprivileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4).***

> ***issentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' listess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).***[3]

L-intimat qieghed jibbaza din it-talba fuq l-artikolu 229 (3) tal-Kap 12 su citat u dana stante li fil-fehma tal-istess intimat, dan id-digriet jinkwadra ruhhu entro dan is-sub artikolu. L-intimat jissostanzja l-pozizjoni tieghu billi jiccita diversi sentenzi. Illi pero' tajjeb li qabel mal-Qorti tasal ghall-konkluzjoni jekk ***jkunx aħjar u ġust*** li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva, jehtiegilha tiddetermina jekk verament id-digriet impunjat jaqax taht is-sub artikolu 3 tal-artikolu 229.

It-talba odjerna tal-intimat saret in segwitu ta' rikors prezentat nhar il-31 ta'Awwissu 2020 mill-attrici fejn l-attrici tablet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimat biex immedjatament inehhi l-katnazz li ghamel mal-kancell tad-dar matrimonjali jew kull haga ohra li permezz taghha jipprekludi lill-attrici milli tidhol liberament fil-fond matrimonjali.  Illi permezz tad-digriet lamentat mill-intimat u cioe dak tat- 22 ta' Settembru 2020, din il-Qorti kienet laqghat it-talbiet tal-attrici. Illi l-parti dispositiva tad-digriet in kwistjoni hija s-segwenti:

> ***Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat, fi tmienja u erbghin siegha inehhi l-katnazz li ghamel mal-kancell tad-dar matrimonjali cioe "Osaka, Triq l-Alwetta, Mosta" u f'kas li da nil-perjodu jghaddi inutilment, tawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex, bl-assistenza tal-Pulizija u Marixxall tal-Qorti u ghas-spejjes tal-intimat, taghmel dak kollu necessarju sabiex tnehhi l-katnazz mill-kancell tad-dar matrimonjali u/jew kwalunkwe xkiel iehor sabiex hija jkollha ccess ghad-dar matrimonjali. Dan l-access pero, ghandu jsir bi pre-avviz lill-intimat ta' tmienja u erbghin siegha.***

---

[3] Vide *Paul Tanti et vs Sammy Mifsud* deciza 19 ta'Novembru 2001 (Qorti tal-Appell Sede Superjuri).

Fir-rikors tieghu, l-intimat ghal darb ohra jirritjeni illi l-ghoti tal-ordni su indikat:

> ***(1) jizboq is-setghat moghtija lill-Qorti ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma'digrieti pendente lite; u***
> ***(2) l-attrici telqet mid-dar u kisbet ambjent privat ghaliha nnifisha izda xorta trid illi meta jfttlilha, tidhol fid-dart taz-zwieg illi hija abbandunat u tiehu minn hemm kull ma hija thoss illi ghandha tiehu.***

Ghar-rigward l-ewwel kwistjoni mqanqla mill-intimat fir-rikors tieghu, u cioe li din it-talba tal-attrici tesorbita l-mansjoniiet tal-Qorti ghal dak li jirrigwarda digrieti *pendente lite*, din il-Qorti taghmel pjenza referenza ghal dak rilevat minnha fid-digriet taghha tat- 22 ta' Settembru 2020.

Fuq dan, il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-decisjoni fl-ismijiet: ***Mary Cassar vs Edward Cassar*** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is- 27 ta' Mejju 2016, fejn it-talba in kwistjoni kienet wahda effettivament simili ghal dik odjerna. Illi filfatt, f'dan il-kaz id-digriet li minnu segwa l-appell in dezamina, kien jirrigwarda ir-radd lura ta' kopja tac-cwievet kollha tad-dar matrimonjali, il-gradi u kancelli li jaghtu access ghaliha flimkien ma' *remote controls* tal-garaxx fi zmien qasir u perentorju. Illi l-Qorti tal-Familja kienet laqghet din it-talba. Illi l-attrici f'dan il-kaz abbracjat l-istess pozizjoni abbracjata fil-kaz odjern mill-attrici. Il-Qorti tal-Appell kienet irreteniet is-segwenti:

> ***Fl-ewwel lok din il-Qorti tissenjala li jirrizulta car li d-digriet appellat m'huwiex wiehed minn dawk indikati fis-sub-incizi 1 u 2 tal- Artikolu 229 u ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk jinkwadrax fid-dispost tas-sub-inciz 3 tal-istess artikolu. Dan is-sub-inciz huwa ta' natura residwali u japplika ghal kull "digriet interlokutorju iehor" li jinghata fil-kors tal-proceduri u li ma jaqax taht is-sub-incizi 1 u 2. Artikolu 229 u ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk jinkwadrax fid-dispost tas-sub-inciz 3 tal-istess artikolu. Dan is-sub-inciz huwa ta' natura residwali u japplika ghal kull "digriet interlokutorju iehor" li jinghata fil-kors tal-proceduri u li ma jaqax taht is-sub-incizi 1 u 2.***

***Fil-kaz odjern, ghalkemm id-digriet provvizorju appellat jista' jitqies bhala ancillari ghall-gudizzju, ma jistax jitqies bhala wiehed interlokutorju peress li m'huwiex intiz sabiex jirregola l-andament tal-proceduri; wisq anqas jista' jigi meqjus bhala digriet definittiv peress li minnu nnifsu hu ta' natura provvizorja intiz sabiex jirregola temporanjament is-sitwazzjoni fil-meritu bejn il-partijiet sakemm tinghata s-sentenza finali. Ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala li jinkwadra fl-imsemmi sub-inciz 3.***

***In vista tal-premess il-punt sollevat mill-attrici jirrizulta fondat fil-fatt u fid-dritt u l-appell odjern huwa null. F'dawn ic-cirkostanzi mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni tal-aggravji sollevati mill-konvenut.***

Illi l-istess linja ta' hsieb jirrizulta fid-decisjoni fl-ismijiet: ***Steve Caruana v. Lucy May Bailey*** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it- 30 ta' Settembru 2016. Illi dan l-appell kien jiccentra:

***digriet [id-digriet appellat] moghti mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, sezzjoni familja, fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2015 in segwitu ghar-rikors prezentat mill-konvenuta fis-27 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu hija kienet talbet lil dik il-Qorti sabiex tawtorizzaha sabiex issiefer lejn l-Ingilterra mal-wild komuni tal-partijiet fid-dati ta' bejn l-24 u l-31 ta' Dicembru 2015, kif ukoll sabiex dik l-istess Qorti App. Civ. 5/15 2 tordna li jsir dak kollu mehtieg da parti tal-attur sabiex il-konvenuta tkun tista' ssiefer mal-minuri.***

***Fil-kaz odjern jirrizulta car li d-digriet appellat huwa wiehed provvizorju li, ghalkemm jista' jigi meqjus bhala wiehed ancillari ghal-proceduri, mhuwiex ta' natura interlokutorju, stante li ma jirregolax l-andament tal-proceduri li fih inghata. Ghalhekk l-appell odjern huwa irritu u null.***

Il-Qorti tal-Appell fid-decisjoni taghha fl-ismijiet: ***Joseph Camilleri vs Nadia Vella*** deciza nhar id- 9 ta' Lulju 2020, filwaqt li ghamlet referenza ghad-decisjonijiet su riportati, sostniet:

> ***Id-digriet li minnu sar appell m'għandu x'jaqsam xejn mat-tip ta' digriet li jissemmew fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12. Id-digriet li ngħata millQorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hi ordni lir-Reġistratur sabiex jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-intimata bl-akkuża tkun li ma obdietx id-digriet ta' dik il-qorti dwar l-aċċess tal-missieru għall-ibnu. 9. Għalhekk ifisser li l-Artikolu 229 (l-artikolu li proprju jirregola d-dritt ta' appell minn digrieti) jipprovdi dwar digrieti interlokutorji. Fil-fatt ġie kkonfermat diversi drabi mill-qrati tagħna li appelli minn digrieti li ma jirrigwardawx l-andament tal-proċeduri li fih jingħataw (bħal ma huma per ezempju digrieti provviżorji li jirregolaw is-sitwazzjoni fil-mertu sakemm tingħata s-sentenza finali) huma nulli…***
>
> ***Għaldaqstant, ma hemmx jedd ta' appell mid-digriet li bih l-ewwel Qorti ordnat li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra l-appellanti.***

Il-Qorti tosserva illi fil-proceduri ta'natura kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet: ***Nadia Vella et vs Avukat Generali et*** deciza nhar it- 30 ta'Mejju 2019, il-Qorti ***ukoll*** abbracjat l-istess principju, fejn ghar-rigwarda ta' digriet tal-Qorti tal-Familja ta' 1 ta'Ottubru 2015, fejn gie ordnat lir-rikorrenti biex ma ma tesponix aktar lill-minuri ghal partner taghha u dan b`effett immedjat, il-Prim Awla sostniet:

> ***Rigward d-digriet li nghata fil-1 ta` Ottubru 2015, u li huwa l-mertu tal-kawza odjerna, dan ma jistax jitqies li kien interlokutorju jew definittiv, ghaliex kien intiz biss sabiex jirregola s-sitwazzjoni temporanjament sakemm tinghata s-sentenza finali. Ghalhekk ma setax jintalab permess biex isir appell.***

Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kawza citata mid-difensur tal-intimat fit-trattazzjoni fl-ismijiet: ***Persiano Josephine Persiano pro et noe vs Joseph Persiano***, ma kienx japplika l-artikolu 229 tal-Kap 12. Illi ukoll u ghar-rigward il-kawza fl-ismijiet***: Mario Portelli vs Alexandra Portelli*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 3 ta'Dicembru 2010, mid-deliberazzjonijiet li ghamlet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li effettivament meta l-Qorti qalet testwalment: ***"Li l-mertu tar-rikors intavolat mill-konvenuta fis-17 ta' Frar 2010 ghad-determinazzjoni tar-retta alimentarja ma jaqa' taht ebda subinciz tas-subartikoli (1) u (2) talArtikolu 229 tal-Kap. 12, izda se mai jinkwadra f'digriet interlokutorju iehor kontemplat fis-***

***subartikolu (3) tal-Art. 229"*** din ir-referenza saret bhala *commento di passaggio* u dana stante li l-qofol ma kienx jirrigwarda n-natura tad-digriet izda jekk effettivament l-appell **sarx *entro* t-terminu stabbilit mill-ligi**.

Ghaldaqstant, il-Qorti tichad it-talba tal-intimat ghaliex gjaladarba id-digriet lamentat ma jistax jitqies bhala digriet interlokutorju jew definittiv ghaliex kien intiz biex jirregola sitwazzjoni temporanja, ma setax jintalab permess biex isir Appell.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad ir-rikors tal-intimat datat 2 ta' Novembru 2020.**

**Spejjez riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**